MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2002

Numru 355/2001

Il-Pulizija(Spettur Paul Bond)vsJohn Galea u Paul Galea

Il-Qorti,Rat l-akkuzi kontra John Galea ta’ 47 sena bin il-mejjet Joseph u l-mejta Maria Carmena nee Mifsud imwieled Naxxar u joqghod “Dar il-Hena” Triq il-Kuccard, Safi, ta’ karta ta’ identita numru 216354(m) u Paul Galea ta’ 23 sena bin John u Mary nee Abdilla imwieled Pieta u joqghod fl-istess indirizz ta’ karta ta’ identita numru 280978(m), akkuzat talli:fl-4 ta’ Gunju 2001 ghal habta ta’ bejn id-9.00am u l-10.00am waqt li kienu fix-showroom maghrufa bhala J&M Micallef li qeghdha go Mdina Road, Zebbug, ikkommettew serq ta’ karozza li ggib numru CBG-481 t’ghamla Toyota Starlet li tiswa Lm3,950 kif ukoll somma ta’ flus li tammonta ghal Lm11,500 liema somma flus kienet fl-istess karozza, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ Joseph Micallef mill-Mosta u ta’ Mario Micallef minn B’Kara;fl-istess data, hin u lok bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew

jew issekwestraw lil Darren Micallef li ghandu 15 il-sena kontra il-volonta’ tieghu.Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali (folio 55) li bih dehrlu li mill-provi migbura fil-kumpilazzjoni setghat tinstab htija fl-imputati that l-artikoli tal-ligi hemm riportati ghalhekk bghat lura l-atti lill-dina l-Qorti sabiex tiddecidi fuq il-htija fin-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputati b’dan pero li qabel ma l-Qorti tistaqsi l-imputati jekk kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja tisma’ kull prova ohra li ggib il-pulizija.Rat li l-prosekuzzjoni ma kellhom ebda prova ohra xi tressaq u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jinstema’ sommarjament.Semghet ix-xhieda inkluzi l-imputati bil-gurament;Rat l-atti kollha tal-kawza;Ikkonsidrat:Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputati huma akkuzati ta’ serq aggravat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa, kif ukoll ta’ arrest, detenzjoni jew sekwestru ta’ persuna kontra l-ligi.Il-fatti skond il-provi juru li f’xi zmien recenti l-4 ta’ Gunju tas-sena l-ohra l-imputat Paul Galea kien fthiem mad-ditta J&M Micallef ta’ Haz-Zebbug sabiex jixtri vettura tal-ghamla Mazda. Kien hallas Lm400 akkont u rigward l-bilanc obbliga ruhhu li jhallasu b’pagamenti mensili koperti b’kambjali. Sussegwentement u ftit zmien wara, izda dejjem qabel l-4 ta’ Gunju ta’ dik is-sena, l-istess imputat Paul Galea irrangja mad-ditta fuq imsemmija li ibieghilha l-vettura tieghu tal-ghamla Toyota Starlet li bi ftheim il-prezz gie iffissat ghal Lm3950. Konsegwenza ta’ dan l-imputat Paul Galea issalda kull bilanc li kien minnu dovut lejn id-ditta referibbilment l-Mazda u irceva minnghandha cekk ta’ Lm1850 rappresentanti d-differenza bejn il-prezz tal-vetturi liema cekk issaraf. Il-fatti sussegwenti svolgew filli l-imputat Paul Galea akkompanjat minn missieru, l-imputat John Galea, marru fl-istabiliment tad-ditta fl-4 ta’ Gunju, li kienet il-gurnata tat-Tnejn, u l-imputat Paul Galea hataf l-vettura li kien bejgh, cioe’ t-Toyota Starlet, u saqaha l-barra mill-istabiliment u sakkara fil-garaxx tieghu Hal-Safi.

Skond dan l-imputat, korroborat minn missieru, l-imputat l-iehor, l-vettura Mazda kienet difettuza stante li iz-zejt kien qieghed jithallat mal-ilma fir-radjatur taghha u jidher li din kienet ir-raguni ghaliex l-imputat Paul Galea ha lura l-vettura. Id-derubati wara li kienu rinfaccaw l-imputati marru ghamlu rapport u wkoll irraportaw li ittiehdilhom

somma ta’ Lm11,500 fi flus kontanti li kienu fl-istess vettura Starlet fil-bagoll taghha. Illi dawn huma l-fatti fis-simplicita taghhom li taw lok ghal dawn il-proceduri u l-akkuza l-ohra fejn il-prosekuzzjoni qed tallega l-arrest detenzjoni jew sekkwestru ta’ bin wiehed mid-derubati certu Darren Micallef.Illi sakemm l-akkuzi jirreferu ghal dik ta’ serq tal-vettura din ghandha tirrizulta wisq car. Fir-rigward din l-akkuza l-ipotesi li jissusitu reati ohra involuti fis-serq izda mhux ta’ serq proprju qed jigi ghal kollox skartat. La jirrisulta li kien serq ta’ haga proprja jew misapproprjazjoni u lanqas reat ta’ raggjon fattasi. Invece jirrisulta is-serq proprju stante li il-provi juru fic-car li l-prorjeta tal-vettura kienet ghaddiet mill-poter ta l-imputat Paul Galea ghal fuq id-ditta tant illi meta giet ittrasportata l-barra mill-istabiliment tad-ditta l-vettura gja kienet registrata mal-ufficju tal-licenzi tal-Pulizija f’isem id-ditta u di piu’ l-istess imputat kien thallas u sahansitra kien sarraf ic-cekk.Illi d-dubbju jippersisti dwar l-allegata somma ta’ Lm11,500 li l-kwerelanti jallegaw li hallew fil-bagoll ta’ din il-vettura. Mario Micallef l-allegat derubat f’din is-somma jghid li kien halliha fi flus kontanti f’busta kannella fil-bagoll tal-vettura f’dik l-istess gurnata tal-4 ta’ Gunju bl-intenzjoni li jmur jiddepositha l-bank sabiex jkopri ammont ekwivalenti ta’ cekk li harget id-ditta fil-31 ta’ Mejju. Jghid li halla l-flus proprju f’din il-karozza li kienet nofsha barra l-istabiliment u mhux car jekk kienitx imsakkra. Ghalkemm possibbli il-verzzjoni maghmula mhi xejn probabbli anzi fil-fehma tal-qorti ghal kollox inverosimili.

L-imputati kategorikament jichdu li huma raw jew wisq inqas messew xi flus minn dina l-vettura u lanqas id-dok. esebit folio 53 mhi xi prova probanti biex din il-qorti issib reita fl-imputati jew minn minhom fir-rigward din il-parti tal-akkuza ta’ serq.Tibqa biex tigi dibattuta it-tieni akkuza li wkoll mill-provi anka tal-istess persuna suppost detenuta jew issekwestrata ma treggi. Il-qorti jidrilha u mhux qed teskludi li l-imputat John Galea seta’ impedixxa lill-Darren Micallef li jersaq lejn il-vettura anke biex jaghti hin lill-inbu l-imputat Paul Galea li jitlaq biha. B’daqstant pero minn imkien ma jirrisulta li l-imputat John Galea fisikament zamm issekwestata l-persuna l-ohra ghal xi tul ta’ zmien li

jista’ jissarraf f’arrest jew sekwestru.Ghalqastant u ghal dawn il-motivi tiddecidi billi issib l-imputati John u Paul Galea hatja talli fl-4 ta’ Gunju 2001 ghal habta ta’ bejn id-9.00 u l-10.00am, waqt li kienu fix-showroom maghrufa bhala J&M Micallef f’Triq Mdina, Zebbug, ikkommettew serq ta’ karozza li ggib numru CBG-481 t’ghamla Toyota Starlet, valur ta’ Lm3950 liema serq hu aggravat bil-valur u xorta tal-haga misruqa izda mhux ukoll bil-mezz stante li intuzaw cwievet appartenenti l-istess vettura. Rat l-Artikolu 261(c)(g), 267, 271(g),279(b),280 tikkundannhom kull wiehed ghal-sentejn prigunerija li qeghdha tissospendi ghal perjodu ta’ erba snin mill-lum bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9 sakemm l-imputati ma jikkommettux reat iehor fi zmien l-erba snin ossija l-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza. Tilliberhom mill-bqija tal-akkuzi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------